# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-14 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 246/2018/**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

***Jefpet Limited* (C 43812)**

**vs.**

***Lombard Bank Malta plc* (C 1607)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet provizorju taghha, (ara foll 1 u foll 45), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

2.2. Laqghet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti;

2.4. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta tal-bank intimat, (ara foll 48);

4. Ezaminat id-dokumenti esibiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-procedura oralment;

Ikkunsidrat:

6. Illi permezz tar-rikors fuq riferit is-socjeta` rikorrenti qed titlob li zzomm lill-bank intimat milli jidhol f'negozjati ma terzi u jaghti xi taghrif fir-rigward tas-socjeta` rikorrenti minghajr il-kunsens taghha, li bih jista' jassenja d-dejn li hi ghandha mal-istess bank intimat;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat l-24 ta' Lulju, 2008, *in atti*, tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion, (ara foll 5), is-socjeta` rikorrenti ikkostitwiet ruhha debitrici tal-bank intimat fl-ammont ta' €9,320,000.00, (ara foll 5 u 10);

7.2. Illi permezz ta' kuntratt ulterjuri datat iz-19 ta' Jannar, 2010, *in atti* tan-Nutar Dottor Carmel Mangion, (ara foll 51), l-istess socjeta` rikorrenti ikkostitwiet ruhha debitrici tal-istess bank intimat, din id-darba fl-ammont ta' €10,305.388.31, (ara foll 51 u 53);

8. Illi fir-risposta tieghu l-bank intimat jikkonferma li effettivament qieghed f'diskussjoni ma' terzi ghall-assenjazzjoni tad-debitu komplessiv li s-socjeta` rikorrenti akkumulat fil-konfront tal-bank intimat kreditur, (ara foll 48);

Ikkunsidrat:

9. Illi jigi sottolineat li talba ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni ghandha l-ghan li zzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li tkun qed titlob il-hrug tal-mandat *de quo*;

10.0. Illi biex tali talba tikseb l-iskop taghha jinhtieg li r-rikorrenti jistabbilixxi zewg elementi, senjatament:

10.1. Li l-mandat *de quo* hu mehtieg biex jitharsu d-drittijiet pretizi minnu; u

10.2. Li jkun jidher li *in prima facie*, ghandu dawk il-jeddijiet minnu pretizi;

11. Illi *di piu`*, jehtieg ukoll li r-rikorrenti jistabbilixxi li b'mod oggettiv ghandu dawn id-drittijiet li jrid li jigu tutelati, u mhux li huma soggettivament dipendenti mid-diskrezzjoni ta' gudikant;

12. Illi sintetikament, ghall-finijiet ta' dan il-mandat tali drittijiet pretizi mir-rikorrenti jew jidhru mad-daqqa t'ghajn jew, ma jezistux;

13. Illi *di piu`*, dawn iz-zewg rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi biex b'hekk, jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg rekwiziti ma jirrizultax, il-qorti kolpita bir-responsabbilita` li tiddeciedi fir-rigward ghandha tirrespingi t-talba ghall-hrug tal-mandat in dizamina;

14. Illi aktar minn hekk, tali procedura hi necessarjament wahda ta' natura sommarja billi mhux mistenni li jitressaq quddiem il-qorti f'dan l-istadju kull ma jmissu jitressaq waqt is-smigh tal-kawza fuq il-mertu veru u proprju;

15.0. Illi ghalhekk jigi sottolineat li dan il-mandat jigi ezaminat fil-kwadratura ta' procedura eccezzjonali, u ghalhekk:

15.1. Il-fatt li talba ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni tintlaqa' ma jfissirx li d-dritt in kwistjoni jkun gie ippruvat;

15.2. Illi *a contrario sensu*, il-fatt li din it-talba tigi respinta din ma tfissirx li d-dritt in kwistjoni ma jezistix;

Ikkunsidrat:

16. Illi jigi osservat li minn ezami tar-rizultanzi ma jirrizultax li jezisti xi jedd favur debitur li jzomm lill-kreditur tieghu milli jassenja jew icedi dan id-debitu lil haddiehor;

Ikkunsidrat:

17. Illi ghalhekk l-uniku jedd li prezumibilment s-socjeta` rikorrenti qed tistrieh fuqu biex issosstni t-talba taghha hawn in dizamina hu dak li l-bank intimat ma jiksirx is-sigriet professjonali tieghu rigwardanti l-kunfidenzjalita`;

Ikkunsidrat:

18. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta pacifiku li kull ma titlob il-ligi hu li d-debitur ikun mgharraf bic-cessjoni li tkun saret;

19. Illi ghal aktar kjarezza u sosstenn statutorju f'dan ir-rigward, issir referenza ghall-artiklu 1471 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:

> "Ic-cessjonarju ma jistax, kwantu ghat-terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet imgharrfa lid-debitur b'att gudizzjarju, mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent";

Ikkunsidrat:

20. Illi ovvjament din il-qorti tirrikonoxxi u tikkondividi d-dritt tas-socjeta` rikorrenti li temfasizza li l-bank intimat ghandu jittutela l-kunfidenzjalita` fir-rigward tas-"*sanction letter*";

21. Illi fl-istess waqt tirrikonoxxi u tapprezza l-fatt li l-bank intimat iddikjara li la ta u lanqas ser jaghti l-ebda taghrif dwar il-kontenut tal-imsemmija "*sanction letter*", (ara foll 49 u 50);

Ikkunsidrat:

22. Illi in vista tal-fatt li fir-risposta tieghu l-bank intimat solennament obbliga ruhhu b'dan il-mod fil-konfront ta' kwalunkwe cessjonarju prospettiv, allura ma jezistix l-estrem li fuqu din il-qorti tista' tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti biex tohrog il-mandat *de quo* minnha mitlub;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi in vista tal-premess hi l-fehma ta' din il-qorti li ma jezistux ir-rekwiziti rikjesti mill-ligi ghall-hrug tal-mandat *de quo*, u konsegwentement:

**DECIDE:**

23.1. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

23.2. Takkolji r-risposta tal-bank intimat;

23.3. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet provizjorju precedenti taghha;

23.4. Illi in vista tas-suespost, tordna finalment li kull parti thallas l-ispejjez taghha f'din il-procedura.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**